# Il-Ħadd 01.09.2019

1. Infakkar li x-xahar ta' Settembru sal-4 ta' Ottubru - Festa ta' San Franġisk, skont ix-xewqa tal-Papa Franġisku, huwa ddedikat lill-Ħolqien. Għalhekk tajjeb li nieħdu sehem f'diversi inizzjativi - kemm fuq livell personali u kemm fuq dak soċjali - li jqajmu aktar kuxjenza dwar il-ħarisen tal-ambjent.
2. It-Tlieta 03/09:
   - Fis-7:15pm - Kunċert Vokali mill-Kor 'Sine Macula' fis-Sala Pietru Pawl Busuttil tal-Kunsill Lokali. Mhux ta' min jitilfu. *Nawguraw lill-Kor li mill-Ġimgħa 6/09 sal-Erbgħa 11/09 ser ikun qed jagħti xi kunċerti f'North Wales.*
3. Il-Ħamis 05/09:
   - Ser ikollna Ħarġa għal Għawdex. Tluq fis-6:15am u nkunu lura għat-8:00pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
4. Il-Ġimgħa 06/09, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni.
5. Is-Sibt 07/09:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
6. Il-Ħadd 08/09, **it-Twelid tal-Madonna - Il-Bambina.**
7. B'rabta mal-Festa:
   ***Nota ta' Apoloġija mingħand l-E.T. Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof Emeritu***

   Għażiż Kappillan u parruċċani,

   Nixtieq nuri d-dispjaċir tiegħi li fil-Festa Titulari ta' San Pawl ma stajtx ikun magħkom kif kien ippjanat. Dan ġara kontra dak li xtaqt jien, imma assolutament saħħti ma ppermettitlix.

   Fl-istess ħin nifirħilkom li rnexxilkom torganizzaw festa kbira u sabiħa ad unur tal-Appostlu Missierna San Pawl li għaraf lil Kristu Mulej u ta ħajtu għalih. Nittama li mhux 'il bogħod wisq, inkun nista' niġi nżurkom.

   Sadanittant nibgħatilkom il-barka tiegħi, inwiegħdkom it-talb tiegħi u nitlobkom titolbu għalija.
8. Matul il-ġimgħa tal-festa ġbarna:
   - € 455 mill-ġbir li sar fil-Ħruġ min-Niċċa;
   - € 219 mill-ġbir li sar fil-Jiem tat-Tridijiet;
   - € 617 mill-ġbir li sar f'Jum il-Festa;
   - € 1,125 mill-ġabra li saret fid-Dħul tal-Purċissjoni;
   - € 390 bħala donazzjonijiet mill-envelopes b'risq il-Festa,
     li hekk b'mod totali laħaq is-somma ta' € 8,279;
   - € 605 mill-Bukkett li ma jinxifx għall-proġetti ta' restawr;
   - € 408 mill-Lotterija tal-Inkwadru ta' San Pawl;

   Grazzi mill-qalb u prosit lil kulħadd biex il-Festa nkunu nistgħu niċċelebrawha b'mod xieraq u jidher li ser nifduha wkoll għad li l-ispejjeż li qed jogħlew sew.